MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 956/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**ANTHONY GRECH**
**(ID Nru: 231583M)**
**JUSTINE ZAMMIT**
**(ID Nru.:521984M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 956/2011**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Grech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 231583 (M) u l-imsemmija Justine Zammit, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 521984 (M).

**Akkuzati talli:**

F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn id-19 ta` Lulju, 2011, u id-9 ta` Awissu, 2011, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda, u cioe`:

1. Gewwa Birzebbuga nhar it-3 ta` Awissu 2011 f'xi hin bejn is-saghtejn (14:00hrs) u l-erbgha (16:00hrs) ta` wara nofsinhar waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta` basket b'kontenut ta` diversi oggetti fosthom arlogg tal-ghamla **Rolex**, zewg *mobile phones* wiehed tal-ghamla **LG** u l-iehor **Motorola**, zewg nuccalijiet tal-vista, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ghaxar t'elef ewro (€10,000) u dan sar ghad-dannu ta` Sharlene Maronese u Giovanni Maronese u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli gewwa Birzebbuga nhar l-1 ta` Awissu 2011 f'xi hin bejn nofs inhar nieqes kwart (11:45hrs) u n-nofs siegha (12:30hrs) waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta` zewg basktijiet b'kontenut ta` diversi oggetti fosthom zewg *mobile phones* wiehed **Nokia** u l-iehor tal-ghamla **I Phone**, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) u dan sar ghad-dannu ta` Daniel Grixti u Deidra Brincat u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli gewwa Marsaxlokk nhar id-9 ta` Awissu 2011 f'xi hin bejn l-erbgha nieqes kwart (15:45hrs) u l-erbgha u nofs (16:30hrs) waqt li kienu gewwa Ta` Kalanka limiti ta` Delimara, ikkommettew serq ta` basket b'kontenut ta` diversi oggetti fosthom *mobile phone* tal-ghamla **Nokia**, flus kontanti, nuccali tal-vista u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37) u dan sar ghad-dannu ta` Frangiska Galea u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli gewwa Birzebbuga nhar id-19 ta` Lulju, 2011, f'xi hin bejn is-saghtejn (14:00hrs) u t-tlieta (15:00hrs) ta` wara nofsinhar

waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta` basket b'kontenut ta` diversi oggetti fosthom **mobile phone** tal-ghamla **Nokia C3**, **I Pod**, u oggetti ohra u dan sar ghad-dannu ta` Kathleen Bonnici u/jew persuni ohra;

5. Aktar talli f'dawn il-Gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkunu mdahhlin biex ibieghawhom jew imexxuhom liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-valur;

6. Ukoll talli fid-9 ta` Awissu, 2011, f'dawn il-Gzejjer, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. J. Apap Bologna, LL.D., fid-digriet tieghu li bih tahom il-helsien mill-arrest taht garanzija;
7. Ukoll talli kisru l-ordnijiet impost fuqhom mill-Onorabbli Qorti b'sentenza emanata mill-Qorti li ghadha fi stadju operattiv datata 9 ta` Awissu 2011 mill-Magistrat Dott. A. Micallef Trigona, LL.D.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputati kif ukoll tarresta mill-gdid lill-imputati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex is-somma bhala Garanzija Personali fil-kundizjonijiet imposti mill-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Dott. J. Apap Bologna, LL.D., fid-digriet li gie mghoti nhar is-27 ta` Lulju 2011, tigi mghoddija lil Gvern ta` Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 16 (1) tal-Att numru 16 tas-sena 2006.

F'kaz ta` htija, l-Qorti giet ukoll mitluba gentilment sabiex titratta mal-imputati li huwa recidivi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 49, 50, 261 (c), 267, 279 (a) (b), 284, 285, 334 (a), 533, 579 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti semghet diversi stqarrijiet u x-xhieda ta`:

1. Spettur Priscilla Caruana u l-iSpettur M’Stella Attard;
2. Giovanni Maronese;
3. PS1062;
4. Dr. Martin Bajada;
5. Spettur Arthur Mercieca;
6. Dylan Spiteri;
7. Deborah Cassar;
8. Charlene Marmara;
9. Daniel Grixti u Daniel Fiteni;
10. Diedre` Brincat;
11. Frangiska Galea;
12. Kathleen Bonnici.

Illi dina l-Qorti rat kambjament enormi fit-tajjeb fil-komportament ta` dawn iz-zewg imputati matul l-iter twil ta` din il-kawza. It-tnejn jidhru llum li huma stabiliti fil-hajja personali taghhom u fid-dinja tax-xoghol.

Il-Qorti hija kburija bihom u theggighom li jkomplu fit-triq it-tajba li huma jidhru li abbraccaw. Huma eghlbu l-vizzju tad-droga li ppersegwitathom ghal zmien twil. Il-Qorti trid tipremjhom fil-piena li qed tinfliggi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed issib lill-imputati hatja u ghaldaqstant qiedgha tpoggi lill-istess imputati taht ordni ta` *Probation* ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta u jekk jonqsu li jharsu din il-Qorti jew jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta` tlett (3) snin, ikunu jistghu jigu kkundannati ghar-reat li ghalihom qiedghin jigu maghmula din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------